2023/2542

30.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 145/2023

tat-13 ta' Ġunju 2023

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, testijiet u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2542]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ('il-Ftehim dwar iż-ŻEE'), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/545 tas-26 ta' Jannar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi tal-ittestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tar-reġistratur tagħhom tad-*data* f'każ ta' avveniment u għall-approvazzjoni tat-tip ta' dawk is-sistemi bħala unitajiet tekniċi separati, u li jemenda l-Anness II ta' dak ir-Regolament ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness II tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 51c (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/133):

"51d. **32022 R 0545**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/545 tas-26 ta' Jannar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-proċeduri speċifiċi tal-ittestjar u r-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tar-reġistratur tagħhom tad-*data* f'każ ta' avveniment u għall-approvazzjoni tat-tip ta' dawk is-sistemi bħala unitajiet tekniċi separati, u li jemenda l-Anness II ta' dak ir-Regolament (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 18)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 52 (ir-Regolament (UE) Nru 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"- **32022 R 0545**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/545 tas-26 ta' Jannar 2022 (ĠU L 107, 6.4.2022, p. 18)."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2022/545 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *****, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 49/2022 tat-18 ta' Marzu 2022 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 107, 6.4.2022, p. 18.

* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

([2]) ĠU L 182, 7.7.2022, p. 19.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN